L-Arranġamenti tat-Trasport Applikabbli fl-Istati Membri taż-Żona tal-Euro

L-Artikolu 13(5) u l-pajjiżi li ffirmaw Ftehimiet Monetarji mal-UE (l-Andorra, Monaco, San Marino u l-Vatikan)

Ir-Regolament (UE) Nru 1214/2011

(2016/C 242/07)

Il-KUMITAT TAS-CIT

Għas-CIT tal-karti tal-flus, il-pajjiżi jridu jagħżlu tal-anqas waħda mill-għażliet stipulati fl-Artikoli 14, 15, 16, 17 jew 18 tar-Regolament.

Għas-CIT tal-muniti, il-pajjiżi jridu jagħżlu tal-anqas waħda mill-għażliet stipulati fl-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament.

Il-pajjiżi jridu jikkonfermaw li l-arranġamenti tat-trasport li ntgħażlu jkunu komparabbli mal-arranġamenti ta' trasport permessi għat-trasport domestiku tas-CIT.

Pajjiż	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-karti tal-flus	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-muniti	Konferma fuq il-komparabbiltà mal-arranġamenti tat-trasport domestiku tas-CIT
AT	L-Artikoli 14-18	L-Artikoli 19-20	
BE	L-Artikolu 16 u l-Artikolu 18. Il-Belġju ddeċieda li għandu japplika l-obbligu stabbilit fl-Artikolu 13(4) tar-Regolament.	L-Artikolu 20	L-għażliet stabbiliti fl-Artikoli 16, 18 u 20 tar-Regolament huma simili għall-arranġamenti tat-trasport awtorizzati għat-trasport tal-flus kontanti fil-Belġju. L-obbligu fl-Artikolu 13(4) japplika permezz tar-Regolament Belġjan dwar it-trasport nazzjonali.
DE	L-Artikolu 17	L-Artikolu 19	IVA
EE	L-Artikoli 15-17	L-Artikolu 20	Konformità parzjali. Ir-regoli nazzjonali u l-kundizzjonijiet speċjali bbażati fuq l-ammont ta' valur tat-trasport.
ES	a) Fir-rigward tat-trasport tal-karti tal-flus, skont id-dispożizzjonijiet fir-Regolament Ewropew dwar l-obbligu li jintgħażel mill-inqas wieħed mill-metodi fl-Artikoli minn 14 sa 18, il-metodu permess skont il-leġiżlazzjoni proprja tagħna huwa dak fl-Artikolu 17 tar-Regolament Ewropew.	b) Fir-rigward tal-muniti, il-metodu li għandu jkun awtorizzat skont il-leġiżlazzjoni tagħna huwa dak fl-Artikolu 20 tar-Regolament Ewropew.	IVA
FI	L-Artikolu 17	L-Artikolu 20	IVA
FR	I. Il-muniti u l-karti tal-karti tal-flus għall-istampar tal-karti tal-flus għandhom ikunu trasportati: 1. jew f'vetturi armati b'ekwipaġġ ta' mill-inqas tliet persuni, inkluż is-sewwieq, skont l-Artikolu 4;	III. Il-muniti u d-deheb ta' investiment fit-tifsira tal-Artikolu 298oA tal-Kodiċi Ġenerali ta' għandhom ikunu trasportati f'vetturi armati b'ekwipaġġ ta' mill-inqas tlieta min-nies inkluż is-sewwieq, f'konformità mad-dispożizzjonijiet fl-Artikolu 4.	Konferma: Noti: kompatibbiltà tal-Artikolu 2 mal-Artikoli 14, 16 u 17 tar-Regolament tal-UE.

Pajjiż	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-karti tal-flus	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-muniti	Konferma fuq il-komparabbiltà mal-arranġamenti tat-trasport domestiku tas-CIT
	[Artikolu 4: I- Il-vettura armata trid tkun mgħammra biex tiżgura s-sigurtà tal-ekwipaġġ u tal-flus, ġojjelli jew materjal prezzjuż li jkun qiegħed jiġi trasportat. Trid tkun mill-inqas mgħammra: 1. b'sistema ta' komunikazzjoni u allarm konnessa maċ-ċentru ta' allarm tal-Kumpanija CIT. Sabiex tkun żgurata l-approvazzjoni tal-vetturi armati CIT impurtati minn Stati Membri oħra jew partijiet oħra għall-ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea, rapporti tat-testijiet u ċertifikati huma aċċettati jekk ikunu magħmula minn korp approvat jew iċċertifikat f'dawn l-Istati u jiggarantixxi li l-vettura armata hija konformi mal-kundizzjonijiet tekniki u regolatorji li jiżguraw livell ta' protezzjoni ekwivalenti għal dak stipulat f'dan id-digriet u l-ordni msemmija fis-subparagrafu preċedenti. 2. b'sistema ta' intraċċar mill-bogħod li tippermetti lill-kumpanija li meta trid tiċċekkja fejn tkun tinsab il-vettura; 3. mill-inqas ġakketta bulletproof u maskla tal-gass għal kull membru tal-ekwipaġġ u, possibbilment għal kwalunkwe persuna oħra li jkollha raġuni leġittima biex tkun fil-vettura. II. It-tipi ta' vettura, il-ġnub u l-ħġieġ armat u l-karatteristiċi tal-komponenti l-oħra li jikkontribwixxu għas-sigurtà tal-vetturi armati huma suġġetti għall-awtorizzazzjoni minn qabel mill-Ministeru tal-Affarijiet Interni, abbażi ta' standards minimi, partikolarment ir-reżistenza, stabbiliti mill-Ministru f'ordni li tistabbilixxi wkoll l-kontenut tal-fajl li għandu jkun ippreżentat meta ssir applikazzjoni għall-approvazzjoni. Il-bidliet sostanzjali kollha għall-kundizzjonijiet tal-manifattura tal-vetturi jew il-kundizzjonijiet tal-manifattura jew l-installazzjoni tal-partijiet armati, ħġieġ u komponenti oħra msemmija fis-subparagrafu preċedenti għadhom ikunu awtorizzati f'kull każ.	Permezz ta' deroga mis-subparagrafu preċedenti, il-ġar ta' muniti għall-Banque de France li jikkonsisti f'mill-inqas f'EUR 115 000 f'muniti ta' EUR 1 u EUR 2, isir: 1. f'vetturi armati li fuqhom ma jidhirx l-isem tal-kumpanija CIT, b'ekwipaġġ ta' żewġ gwardji armati, bl-uniformi, inkluż is-sewwieq, bil-kundizzjonijiet stipulati fl-ewwel tliet subparagrafi tal-Artikolu 8; 2. jew, jekk il-volum totali trasportat ma jaqbiżx EUR 500 000 u jekk il-punti ta' ġbir/kunsinna, fir-responsabbiltà tal-Banque de France, il-kumpaniji CIT, il-pulizija nazzjonali jew il-ġendarmerija huma postijiet sikuri, f'vetturi semiarmati li fuqhom l-isem tal-kumpanija CIT ma jidhirx b'ekwipaġġ ta' mill-inqas żewġ gwardji armati, bl-uniformi, inkluż is-sewwieq, bil-kundizzjonijiet stipulati fl-ewwel tliet subparagrafi tal-Artikolu 8. [L-Artikolu 8: il-vetturi kollha bla ebda marka użati biex jittrasportaw flus kontanti mqiegħda fl-apparat msemmi fl-Artikolu 2(l)(3) jew użati biex jittrasportaw ġojjellerija jew metall prezzjuż għandhom tal-anqas ikunu mgħammra b'dan li ġej: 1. Sistema ta' komunikazzjoni u allarm, konnessa maċ-ċentru ta' allarm tal-kumpanija CIT responsabbli għat-trasport tal-flus kontanti;	Il-leġiżlazzjoni nazzjonali għandha tkun emendata: biex tiżgura l-kompatibbiltà tal-Artikolu 2 punt III mal-Artikoli 19 u 20 tar-Regolament tal-UE

Pajjiż	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-karti tal-flus	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-muniti	Konferma fuq il-komparabbiltà mal-arranġamenti tat-trasport domestiku tas-CIT
	L-awtorizzazzjoni tista' tkun irtirata jekk il-materjali msemmija fil punt II ta' dan l-Artikolu ma jkunux għadhom biżżejjed biex jiżguraw is-sigurtà tal-persunal jew tal-fondi trasportati] 2. Jew f'vetturi armati, skont l-Artikolu 4, u mgħammra b'apparat li jiggarantixxi li l-flus kontanti trasportati jistgħu jsiru inutilizzabbli skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 8(1). [L-Artikolu 8(1) jistabbilixxi l-kundizzjonijiet li jrid jissodisfa l-apparat li jinnewtralizza l-oġġetti ta' valur] Jekk dawn il-vetturi jkunu mgħammra b'mill-inqas apparat wieħed minn dawk imsemmija fis-subparagrafu preċedenti għal kull punt ta' ġbir/kunsinna, l-ekwipaġġ tagħhom irid ikun magħmul minn mill-inqas żewġ membri tal-ekwipaġġ inkluż is-sewwieq. Id-dispożizzjonijiet tal-punt II tal-Artikolu 4 jistgħu, f'dan il-każ, japplikaw biss għall-kabina tal-vettura. Jekk dawn il-vetturi jkunu mgħammra b'inqas mill-apparat imsemmi hawn fuq minn kemm hemm punti ta' ġbir/kunsinna, l-ekwipaġġ irid ikun magħmul minn mill-inqas tliet persuni inkluż is-sewwieq. 3. Jew f'vetturi mhux immarkati b'ekwipaġġ magħmul minn mill-inqas żewġ persuni inkluż is-sewwieq, f'konformità mal-kundizzjonijiet fl-Artikoli 7 u 8, sakemm il-flus kontanti jitpoġġew f'apparat li jagħmilhom inutilizzabbli u li almenu hemm apparat simili għall kull punt ta' ġbir/kunsinna, jew li l-apparat huwa armat b'sistema ta' ġbir li tista' tinfetaħ biss f'post jew żona siguri. Madankollu, sabiex issir manutenzjoni tad-distributuri awtomatiċi tal-flus li jinsabu f'ċerti żoni, il-flus għandhom ikunu trasportati f'konformità mal-paragrafu 1 d-distributuri awtomatiċi tal-flus għandhom jkunu mimlija minn wieħed mill-membri tal-ekwipaġġ. (II – tirrigwarda ġojjellerija u metall)	2. Sistema ta' intraċċar mill-bogħod li tippermetti lill-kumpanija CIT li meta trid tiċċekkja fejn tkun tinsab il-vettura].	

Pajjiż	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-karti tal-flus	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-muniti	Konferma fuq il-komparabbiltà mal-arranġamenti tat-trasport domestiku tas-CIT
IT	L-Artikoli 15-18 (fir-rigward tad-dispożizzjoni ta' DM.269/2010)	L-Artikoli 19-20 (fir-rigward tad-dispożizzjoni ta' DM.269/2010)	IVA
LV	L-Artikoli 14-18	L-Artikoli 19-20	L-Artikoli 14-20 ġew implimentati kompletament u ma hemm l-ebda rekwiżit aktar strett fis-seħħ.
LT	Skont il-liġi nazzjonali, il-kundizzjonijiet kollha stipulati fl-Artikoli 14-18 tar-Regolament huma applikabbli fil-Litwanja. Kategorija ta' armi (skont id-Direttiva 91/477/KEE) hija projbita fil-Litwanja għall-użu ċivili. Persunal tas-sigurtà tas-CIT jista' jġorr biss armi tan-nar tal-kategorija B jew C b'kunsens minn qabel maħruġ mid-Dipartiment tal-Pulizija taħt il-Ministeru tal-Intern.	Skont il-liġi nazzjonali, il-kundizzjonijiet kollha stipulati fl-Artikoli 19 - 20 tar-Regolament huma applikabbli fil-Litwanja.	iva
LU	L-Artikoli 16-17 (Bil-kundizzjoni li l-abbozz tal-liġi 6400 u r-Regolament rilevanti ta' Eżekuzzjoni tal-Gran Dukat se jkunu adottati kif propost mill-Gvern).	L-Artikolu 20 (Bil-kundizzjoni li l-abbozz tal-liġi 6400 u r-Regolament rilevanti ta' Eżekuzzjoni tal-Gran Dukat se jkunu adottati kif propost mill-Gvern).	iva
NL	L-Artikoli 17-18	L-Artikolu 20	iva
PT	L-Artikoli 17-18	L-Artikolu 20	L-għażliet imsemmija jikkorrispondu parzjalment mar-rekwiżiti nazzjonali applikabbli għat-trasport ta' oġġetti ta' valur fil-Portugall, madankollu, il-kriterju dwar l-ammont trasportat huwa ekwivalenti jew ikbar minn EUR 10 000 (Ordni (*Portaria*) Nru 247/2008 tas-27 ta' Marzu, emendata bl-Ordni Nru 840/2009 tat-3 ta' Awwissu 2009, fis-seħħ sal-pubblikazzjoni tal-Ordni pprovdut għaliha fl-Artikolu 34(3) tal-Liġi Nru 34/2013 tas-16 ta' Mejju 2013). Trasport nazzjonali f'vetturi mhux armati huwa permess għal oġġetti ta' valur inqas minn EUR 10 000. L-użu ta' uniformijiet approvati u karti tal-identità professjonali huwa obbligatorju (l-Artikolu 29 tal-Liġi Nru 34/20132013 tas-16 ta' Mejju 2013).

Pajjiż	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-karti tal-flus	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-muniti	Konferma fuq il-komparabbiltà mal-arranġamenti tat-trasport domestiku tas-CIT
SK	Il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikoli 14 sa 18 tar-Regolament japplikaw fit-tifsira tal-liġi nazzjonali tar-Repubblika Slovakka skont l-Att Nru 473/2005 Coll. tat-23 ta' Settembru 2005 dwar is-servizzi fis-settur tas-sigurtà privata u li jemenda ċerti Atti (*alias* l-Att dwar is-sigurtà privata)	Il-kundizzjonijiet kollha stabbiliti fl-Artikoli 19-20 tar-Regolament japplikaw fit-tifsira tal-liġi nazzjonali tar-Repubblika Slovakka skont l-Att Nru 473/2005 Coll. tat-23 ta' Settembru 2005 dwar is-servizzi fis-settur tas-sigurtà privata u li jemenda ċerti Atti (*alias* l-Att dwar is-sigurtà privata)	Il-konformità parzjali u d-differenzjazzjoni japplikaw għall-abbundanza ta' uffiċjali ta' sigurtà u l-vetturi li jakkumpanjaw. Il-kriterju deċiżiv huwa l-ammont ta'EUR 1 660 000.
SI	L-Artikoli 17 u 18 jew kwalunkwe regoli nazzjonali skont ir-Regoli dwar it-trasport u l-protezzjoni tal-flus kontanti u l-kunsinni ta' valur oħra (Gazzetta Uffiċjali tar-RS Nru < 0} {0><}78{> 96/05, < 016/08, 81/08, 86/09 u 17/11) l-Artikoli minn 16 sa 20. L-Artikolu 16 (it-trasport ta' ta' kunsinna protetta tal-klassi 1 ta' valur sa kontrovalur f'Euro ta' EUR 30 000) (1) It-trasport ta' kunsinna protetta tal-klassi 1 jitwettaq b'żewġ gwardji tas-sigurtà armati. (2) It-trasport jitwettaq b'vettura modifikata bit-tagħmir li ġej: — taqsimiet separati fiżikament għall-passiġġieri u l-merkanzija fil-vettura b'ħajt diviżorju fiss u iebes li jippermetti għall-ħażna tal-kunsinna protetta mit-taqsima tal-passiġġieri għal dik tal-merkanzija; — taqsima tal-merkanzija mingħajr ħġieġ; — cash register magħmul mill-pjanċi built-in fit-taqsima tal-merkanzija li jippermetti t-tqegħid tal-kunsinna fit-taqsima tal-merkanzija permezz ta' slot jew fetħa fit-taqsima tal-passiġġieri; — apparat tal-allarm li jiskatta malli jiġi sfurzat id-dħul; — l-imblukkar tal-magna li jipprevjeni t-teħid tal-vettura; — sistema ta' komunikazzjoni u sorveljanza.	L-Artikolu 20 jew kwalunkwe regoli nazzjonali fir-Regoli dwar it-trasport u l-protezzjoni tal-flus kontanti u l-kunsinni ta' valur oħra (Gazzetta Uffiċjali tar-RS Nru < 0} {0><}78{> 96/05, < 016/08, 81/08, 86/09 u 17/11) l-Artikoli minn 16 sa 20 kif deskritt għall-karti tal-flus.	Konformità parzjali. Ir-regoli nazzjonali u l-kundizzjonijiet speċjali bbażati fuq il-valur tat-trasport.

Pajjiż	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-karti tal-flus	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-muniti	Konferma fuq il-komparabbiltà mal-arranġamenti tat-trasport domestiku tas-CIT
	(3) Irrispettivament mid-dispożizzjoni fl-Inċiż 3 tal-Paragrafu preċedenti, it-trasport ta' kunsinna protetta jista' jitwettaq jekk il-kunsinna tkun teknikament sigura billi tinħażen ġo bagalja, basket jew cassette modifikati li jkunu mmarkati separatament u magħmulin b'tali mod li jkunu diffiċli biex jinfetħu bil-forza u jekk jinħatfu, jagħmlu twissija permezz ta' ħoss, dawl, duħħan jew sinjal tekniku. Il-kunsinna tkun trasportata fit-taqsima tal-merkanzija tal-vettura. (4) Irrispettivament mid-dispożizzjoni fil-Paragrafu 1, it-trasport ta' kunsinna protetta jista' jitwettaq bi gwardja tas-sigurtà armata waħda, fil-każ li l-kunsinna protetta hija sigura u b'sistema ċertifikata li tiżbogħ jew teqred il-flus kontanti. (5) Il-gwardji tas-sigurtà jilbsu ġkieket jew qomos bulletproof. L-Artikolu 17 (it-trasport ta' ta' kunsinna protetta tal-klassi 2 ta' valur sa kontrovalur f'Euro ta' EUR 200 000 għal kull vettura ta' trasport) (1) It-trasport ta' kunsinna protetta tal-klassi 2 jitwettaq b'żewġ gwardji tas-sigurtà armati. (2) It-trasport jitwettaq b'vettura modifikata bit-tagħmir li ġej: — taqsimiet separati fiżikament għall-passiġġieri u l-merkanzija tal-vettura b'ħajt diviżorju fiss u iebes; — taqsima tal-merkanzija mingħajr ħġieġ; — cash register built-in tal-pjanċi bulletproof fit-taqsima tal-merkanzija li jagħmilha diffiċli biex jiġi mtaqqab jew maqtugħ, li huwa installat fuq ix-xażi tal-vettura min-naħa ta' ġewwa, u li jippermetti li jitqiegħdu l-flus kontanti ġo fih permezz ta' slot jew fetħa fit-taqsima tal-passiġġieri; — apparat tal-allarm li jiskatta malli jiġi sfurzat id-dħul; — l-imblukkar tal-magna li jipprevjeni t-teħid tal-vettura; — sistema ta' komunikazzjoni u sorveljanza.		

Pajjiż	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-karti tal-flus	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-muniti	Konferma fuq il-komparabbiltà mal-arranġamenti tat-trasport domestiku tas-CIT
	(3) Irrispettivament mid-dispożizzjoni fl-Inċiż 3 tal-Paragrafu preċedenti, it-trasport ta' kunsinna protetta jista' jitwettaq jekk il-kunsinna tkun teknikament sigura billi tinħażen ġo bagalja, basket jew cassette modifikati li jkunu mmarkati separatament u magħmulin b'tali mod li jkunu diffiċli biex jinfetħu bil-forza u jekk jinħatfu, jagħmlu twissija permezz ta' ħoss, dawl, duħħan jew sinjal tekniku. Il-kunsinna tkun trasportata fit-taqsima tal-merkanzija tal-vettura. (4) Il-gwardji tas-sigurtà jilbsu ġkieket jew qomos bulletproof. L-Artikolu 17a (it-trasport ta' ta' kunsinna protetta tal-klassi 3 ta' valur sa kontrovalur f'Euro ta' EUR 800 000 għal kull vettura ta' trasport) (1) It-trasport ta' kunsinna protetta tal-klassi 3 jitwettaq b'mill-inqas żewġ gwardji tas-sigurtà armati. (2) It-trasport jitwettaq b'vettura bulletproof bit-tagħmir li ġej: — taqsima separata għall-persunal u għall-merkanzija; — taqsima għall-persunal protetta bi protezzjoni antiballistika M2/C2 mill-erba' naħat; — taqsima għal merkanzija li hi bulletproof u għandha bieb estern bi stanga addizzjonali; — apparat tal-allarm; — sistema installata għall-imblukkar mill-bogħod tal-vettura jew tal-magna bil-possibbiltà għall-attivazzjoni tagħha miċ-ċentru tal-kontroll għas-sigurtà (minn hawn 'il quddiem: SCC); — sistema ta' komunikazzjoni mingħajr ma tinfetaħ il-bieba (intercom); — sistema ta' komunikazzjoni u sorveljanza. (3) Il-gwardji tas-sigurtà jilbsu ġkieket bulletproof. L-Artikolu 18 (it-trasport ta' ta' kunsinna protetta tal-klassi 4 ta' valur sa kontrovalur f'Euro ta' EUR 4 000 000 għal kull vettura ta' trasport)		

Pajjiż	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-karti tal-flus	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-muniti	Konferma fuq il-komparabbiltà mal-arranġamenti tat-trasport domestiku tas-CIT
	(1) It-trasport ta' kunsinna protetta tal-klassi 4 jitwettaq b'mill-inqas tliet gwardji tas-sigurtà armati. (2) It-trasport jitwettaq b'vettura bulletproof bit-tagħmir li ġej: — taqsima separata għall-persunal u għall-merkanzija; — post għall-persunal protett bi protezzjoni antiballistika FB 3 mill-erba' naħat; — taqsima għall-merkanzija mingħajr twieqi u b'bieb estern bi stanga addizzjonali; — apparat tal-allarm; — sistema installata għall-imblukkar mill-bogħod tal-vettura jew tal-magna bil-possibbiltà għall-attivazzjoni tagħha miċ-ċentru tal-kontroll għas-sigurtà (minn hawn' il quddiem: SCC); — sistema ta' komunikazzjoni mingħajr ma tinfetaħ il-bieba (intercom); — sistema ta' komunikazzjoni u sorveljanza. (3) Il-gwardji tas-sigurtà jilbsu ġkieket bulletproof. L-Artikolu 19 (it-trasport ta' ta' kunsinna protetta tal-klassi 5 ta' valur sa kontrovalur f'Euro ta' EUR 8 000 000 għal kull vettura ta' trasport) (1) It-trasport ta' kunsinna protetta tal-klassi 5 jitwettaq b'mill-inqas tliet gwardji tas-sigurtà armati. (2) Il-gwardji tas-sigurtà jilbsu tal-inqas dawn l-apparati ta' sigurtà li ġejjin: — ġkieket bulletproof; u — elmu għas-sigurtà. (3) It-trasport jitwettaq b'vettura bulletproof bit-tagħmir li ġej: — taqsimiet separati għall-merkanzija, is-sewwieq u l-gwardja tas-sigurtà; — il-vettura trid tkun bulletproof mill-inqas kontra l-kategorija FB 3 mill-erba' naħat;		

Pajjiż	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-karti tal-flus	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-muniti	Konferma fuq il-komparabbiltà mal-arranġamenti tat-trasport domestiku tas-CIT
	— taqsima għall-merkanzija mingħajr ħġieġ, b'bieb fuq wara u aċċess għall-kunsinni mit-taqsima tal-persunal; — apparat tal-allarm; — sistema ta' komunikazzjoni mingħajr ma tinfetaħ il-bieba (intercom); — sistema ta' sorveljanza bil-vidjow fuq wara tal-vettura b'magna fil-kabina tas-sewwieq; — sistema ta' komunikazzjoni; — sistema ta 'sorveljanza li tippermetti l-monitoraġġ onlajn tal-movimenti tal-kunsinna f'intervalli ta' mhux aktar minn minuta, f'żona ta' servizz mingħajr interruzzjoni miċ-ċentru ta' kontroll tas-sigurtà (minn hawn 'il quddiem: SCC) u li tippermetti d-determinazzjoni tal-post eżatt tal-kunsinna sikura fi kwalunkwe ħin; — sistema installata ta' imblukkar mill-bogħod tal-vettura jew tal-magna li ma tistax tiġi diżattivata mill-vettura. (4) Il-kunsinna tiġi skortata minn vettura personali b'żewġ gwardji tas-sigurtà armati. Il-vettura ta' skorta jkollha tagħmir għal komunikazzjoni diretta maċ-ċentru ta' kontroll ta' sigurtà (minn hawn 'il quddiem: SCC). L-Artikolu 20 ((It-trasport ta' ta' kunsinna protetta tal-klassi 6 ta' valur sa kontrovalur f'Euro ta' EUR 8 000 000 għal kull vettura ta' trasport) (1) It-trasport ta' kunsinna protetta tal-klassi 6 jitwettaq b'mill-inqas tliet gwardji tas-sigurtà armati. (2) Il-gwardji tas-sigurtà jilbsu tal-inqas dan t-tagħmir ta' sigurtà li ġej: — ġkieket bulletproof; u — elmi tas-sigurtà. (3) It-trasport jitwettaq f'vettura bulletproof li jkollha t-tagħmir stabbilit fil-Paragrafu 3 tal-Artikolu preċedenti u protezzjoni antiballistika kontra l-balal FB 4.		

Pajjiż	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-karti tal-flus	L-arranġamenti applikabbli għat-trasport tal-muniti	Konferma fuq il-komparabbiltà mal-arranġamenti tat-trasport domestiku tas-CIT
	(4) It-trasport ikun akkumpanjat minn vettura bulletproof bi protezzjoni antiballistika kontra l-balal tal-inqas FB 3 mill-erba' naħat, bi tliet gwardji tas-sigurtà armati. Il-vettura li takkumpanja trid tkun mgħammra b'apparat għall-komunikazzjoni diretta maċ-ċentru tal-kontroll tas-sigurtà (minn hawn 'il quddiem: SCC). Ir-Regolament dwar l-implimentazzjoni tar-Regolament (UE) Nru 1214/2011 huwa fil-proċedura ta' adozzjoni u fih xi regoli speċjali: — jippermetti li l-kumpaniji tas-CIT barranin jistgħu, skont il-kundizzjonijiet tar-Regolament (UE) Nru 1214/2011 jittrasportaw fis-Slovenja wkoll flus kontanti oħra (mhux biss flus kontanti tal-Euro) 'il fuq mill-20 % regolat bir-Regolament (UE) Nru 1214/2011 — jippermetti li l-kumpaniji tas-CIT barranin jistgħu, skont il-kundizzjonijiet fir-Regolament (UE) Nru 1214/2011 jittrasportaw fis-Slovenja wkoll affarijiet ta' valur oħra (mhux biss flus kontanti tal-Euro jew flus kontanti oħra) li mhumiex regolati bir-Regolament (UE) Nru 1214/2011. L-affarijiet ta' valur huma metalli prezzjużi, ħaġar prezzjuż, opri tal-arti, wirt kulturali, dokumenti ta' valur, eċċ. Oġġett ta' wirt kulturali huwa oġġett li huwa klassifikat bħala tali skont ir-regolamenti applikabbli għall-klassifikazzjoni tat-tipi ta' oġġetti ta' wirt kulturali, ġid nazzjonali skont ir-regoli li jipprovdu ħarsien u ħażna għat- teżori nazzjonali u materjal għall-mużewijiet skont ir-regoli li jipprovdu għall-ħarsien u l-ħażna tal-materjal għall-mużewijiet. Fil-każ li dan ma jkunx possibbli minħabba ċirkostanzi speċifiċi, ir-regoli nazzjonali mill-Artikolu 22 mir-Regoli dwar it-trasport u l-protezzjoni tal-flus kontanti u l-kunsinni ta' valur oħra (Il-Gazzetta Uffiċjali tar-RS Nru.< 0} {0><}78{> 96/05, < 016/08, 81/08, 86/09 u 17/11) jistgħu jintużaw.		